MANWAL TAS-SID

# KUNDIZZJONATUR TAL-ARJA

Aqra dan il-manwal tas-sid sew qabel tħaddem l-apparat u żommu għal-lest għar-referenza f'kull ħin.

TIP: IMMUNTAT MAL-ĦAJT

MT MALTI RO ROMÂNĂ

www.lg.com

P/NO: 5401521226 rev.:

Copyright © 2019 LG Electronics Inc. All Rights Reserved

# WERREJ

Dan il-manwal jista' jkun fih immaġni jew kontenut differenti mill-mudell li inti xtrajt.

Dan il-manwal huwa suġġett għal reviżjoni mill-manifattur.


**STRUZZJONIJIET DWAR IS-SIGURTÀ....3**

Struzzjonijiet Importanti dwar is-Sigurtà.... 3

Noti għat-Tħaddim .... 8

**TĦADDIM....9**

Partijiet u Funzjonijiet.... 9

Remote Control Bla Wajer .... 10

Terġa’ Tixgħel il-Kundizzjonatur tal-Arja Awtomatikament.... 14

L-Użu tal-Funzjoni tal-Modalità .... 14

L-Użu tal-Funzjoni tal-Modalità Propulsiva (Jet Mode Function) .... 16

L-użu tal-Funzjoni tal-Veloċità tal-Fann.... 17

L-użu tal-Funzjoni tad-Direzzjoni tal-Fluss tal-Arja .... 17

Konfigurazzjoni tat-Timer On/Off.... 18

L-użu tal-Funzjoni tal-Irqad .... 19

L-użu tal-Funzjoni tat-Tifi tad-Dawl .... 19

L-użu tal-Funzjoni tal-Kumdità tal-Arja.... 19

L-użu tal-Funzjoni tal-Kontroll tal-Enerġija.... 20

L-użu ta’ Funzjonijiet Speċjali.... 21

**FUNZJONIJIET SMART ....23**

L-użu tal-Applikazzjoni LG ThinQ .... 23

**MANUTENZJONI....26**

Naddaf il-Filtru tal-Arja .... 27

Naddaf il-Filtru tat-trab fin ħafna .... 27

Kif tnaddaf il-Jonizzatur tal.... 28

**ISSOLVI L-PROBLEMI ....29**

# STRUZZJONIJIET DWAR IS-SIGURTÀ



**Il-linji gwida dwar is-sigurtà li ġejjin huma maħsuba biex jipprevjenu riskji jew ħsarat mhux mistennija minn tħaddim perikoluż jew inkorrett tal-prodott.**
**Il-linji gwida huma separati fi "TWISSIJA" u "ATTENZJONI" kif deskritt hawn taħt.**

**Dan is-simbolu jintwera sabiex jindika affarijiet u tħaddim li jistgħu jikkawżaw riskju. Aqra l-parti b'dan is-simbolu b'attenzjoni u segwi l-istruzzjonijiet sabiex jiġi evitat riskju.**

**TWISSIJA**

**Dan jindika li n-nuqqas milli jiġu segwiti l-istruzzjonijiet jista' jikkawża korriment serju jew mewt.**

**ATTENZJONI**

**Dan jindika li n-nuqqas milli jiġu segwiti l-istruzzjonijiet jista' jikkawża korriment minuri jew ħsara lill-prodott.**

**Is-simboli li ġejjin qegħdin jidhru fuq l-unitajiet ta' ġewwa u ta' barra.**

**Dan is-simbolu jindika li dan l-apparat juża refriġerant li jaqbad. Jekk ikun hemm tnixxija ta' refriġerant u dan ikun espost għal sors estern ta' tqabbid, ikun hemm riskju ta' nar.**

**Dan is-simbolu jindika li l-Manwal tat-Tħaddim għandu jinqara sew.**

**Dan is-simbolu jindika li persunal tas-servizz għandu jkun qed iħaddem dan l-apparat b'referenza għall-Manwal ta' Installazzjoni.**

**Dan is-simbolu jindika li hemm informazzjoni disponibbli bħall-Manwal tat-Tħaddim jew il-Manwal ta' Installazzjoni.**

## Struzzjonijiet Importanti dwar is-Sigurtà

**TWISSIJA**

**Biex jitnaqqas ir-riskju ta' splużjoni, nar, mewt, xokk elettriku, korriment jew smit ta' persuni meta jintuża dan il-prodott, segwi l-prekawzjonijiet bażiċi, inkluż dawn li ġejjin:**

### Tfal fid-Dar

Dan l-apparat mhuwiex maħsub għall-użu minn persuni (inkluż tfal) b'kapaċitajiet fiżiċi, sensorji jew mentali mnaqqsa, jew b'nuqqas ta' esperjenza u għarfien, sakemm ma jkunux ingħataw superviżjoni jew struzzjonijiet dwar l-użu tal-apparat minn persuna responsabbli għas-sigurtà tagħhom. It-tfal għandhom ikunu sorveljati sabiex ikun żgurat li dawn ma jilagħbux mal-apparat.

## Għall-użu fl-Ewropa:

Dan l-apparat jista' jintuża minn tfal b'età minn 8 snin ‘il fuq u minn persuni b'kapaċitajiet fiżiċi, sensorji jew mentali mnaqqsa, jew b'nuqqas ta' esperjenza u għarfien jekk ikunu ngħataw superviżjoni jew struzzjonijiet dwar l-użu tal-apparat minn persuna responsabbli għas-sigurtà tagħhom u jifhmu l-perikli involuti. It-tfal ma għandhomx jilagħbu bl-apparat. It-tindif u l-manutenzjoni ma għandhomx isiru mit-tfal mingħajr superviżjoni.

## Installazzjoni

- Tinstallax il-kundizzjonatur tal-arja fuq wiċċ instabbli jew f'post fejn hemm il-periklu li jaqa'.
- Ikkuntattja ċentru awtorizzat tal-manutensjoni meta qed tinstalla jew tirriloka l-kundizzjonatur tal-arja.
- Installa l-pannell u l-għatu tal-kaxxa tal-kontroll b'mod sigur.
- Tinstallax il-kundizzjonatur tal-arja f'post fejn hemm maħżunin likwidi li jieħdu n-nar jew gassijiet bħal petrol, propan, thinner taż-żebgħa, eċċ.
- Kun żgur li l-pajp u l-kejbil tal-enerġija li jgħaqqdu l-unitajiet ta' ġewwa u ta' barra mhumiex issikkati wisq meta tinstalla l-kundizzjonatur tal-arja.
- Uża salvavita u fjus standard li jikkonformaw mal-klassifikazzjoni tal-kundizzjonatur tal-arja.
- Iddaħħalx arja jew gass fis-sistema ħlief mar-refriġerant speċifiku.
- Uża gass li ma jaqbadx (nitroġenu) sabiex tiċċekkja għat-tnixxija u tneħħi l-arja; l-użu ta' arja kkompressata jew gass li jaqbad jista' jikkawża nar jew splużjoni.
- It-tqabbid tal-wajers ta' ġewwa/barra għandhom isiru sew, u l-kejbil għandu jiġi mgħoddi kif suppost sabiex ma jkunx hemm forza li tiġbed il-kejbil mit-terminals ta' konnessjoni. Konnessjonijiet ħżiena jew laxki jistgħu jikkawżaw ġenerazzjoni ta' sħana jew nar.
- Installa żbokk elettriku ddedikat u salvavita qabel ma tuża' l-kundizzjonatur tal-arja.
- Tqabbadx il-wajer tal-ert ma' pajp tal-gass, virga tas-sajjetti, jew wajer tal-ert tat-telefon.
- Żomm ftuħ ta' ventilazzjoni meħtieġa mingħajr ebda ostruzzjoni.
- Mezzi għal skonnessjoni għandhom ikunu inkorporati fil-wajers fissi skont ir-regoli tal-wajers.

## Tħaddim

- Agħmel ċert li tuża dawk il-partijiet elenkati fil-lista tal-partijiet tas-servis biss. Qatt tipprova timmodifika t-tagħmir.
- Kun żgur li t-tfal qatt ma jitilgħu fuq jew jolqtu l-unità ta’ barra.

- Armi l-batteriji f'post fejn ma hemmx periklu ta’ nar.
- Uża r-refriġerant speċifikat fuq it-tikketta tal-kundizzjonatur tal-arja biss.
- Aqta’ l-provvista tal-enerġija jekk hemm xi ħoss, riħa, jew duħħan ħiereġ mill-kundizzjonatur tal-arja.
- Tħallix sustanzi li jaqbdu bħall-petrol, benżina, jew thinner qrib il-kundizzjonatur tal-arja.
- Ikkuntattja lil ċentru awtorizzat tal-manutensjoni meta l-kundizzjonatur tal-arja jegħreq taħt ilmijiet tal-għargħar.
- Tużax il-kundizzjonatur tal-arja għal perjodu estiż ta' żmien f'post żgħir mingħajr ventilazzjoni xierqa.
- Fil-każ ta' tnixxijiet tal-gass (bħal Freon, gass propan, gass LP, eċċ) ivventila biżżejjed qabel ma tuża l-kundizzjonatur tal-arja mill-ġdid.
- Biex tnaddaf l-interjuri, ikkuntattja liċ-ċentru tal-manutensjoni awtorizzat jew lil mingħand min xtrajtu. L-użu ta' deterġenti ħarxa jista' jikkawża korrużjoni jew ħsara lill-unità.
- Agħmel ċert li tivventila biżżejjed meta l-kundizzjonatur tal-arja u apparat tat-tisħin bħall-ħiter jintużaw fl-istess ħin.
- Timblukkax id-dħul jew il-ħruġ tal-fluss tal-arja.
- Iddaħħalx idejn jew oġġetti oħra fl-iżbokk tad-dħul jew tal-ħruġ tal-arja waqt li jkun qed jaħdem il-kundizzjonatur tal-arja.
- Kun żgur li l-kejbil tal-elettriku mhuwiex maħmuġ, laxk, jew maqsum.
- Qatt tmiss, tħaddem, jew issewwi l-kundizzjonatur tal-arja b'idejn imxarrba.
- Tpoġġix kwalunkwe oġġett fuq il-kejbil tal-elettriku.
- Tpoġġix ħiter jew apparati għat-tisħin oħrajn qrib il-kejbil tal-elettriku.
- Timmodifikax jew testendi il-kejbil tal-elettriku. Grif jew iżolament li qed jitqaxxar fuq il-kejbils tal-elettriku jistgħu jirriżultaw f'nar jew f'xokk elettriku, u għandhom jinbidlu.
- Aqta’ l-provvista tal-elettriku minnufih f'każ ta' qtugħ tad-dawl jew maltempata bir-ragħad.
- Attent li tiżgura li il-kejbil tad-dawl ma jistax jinġibed ‘il barra jew isilu xi ħsara waqt l-operazzjoni.
- Tmisx il-pajp refriġerant jew il-pajp tal-ilma jew kwalunkwe partijiet interni waqt li waqt li l-junit ukun qed jaħdem jew mill-ewwel wara l-operazzjoni.

## Manutenzjoni

- Qabel tnaddaf jew tagħmel il-manutenzjoni, skonnettja l-provvista tal-enerġija u stenna sakemm jieqaf il-fann.
- Tnaddafx l-apparat billi tisprejja l-ilma direttament fuq il-prodott.

## Sigurtà Teknika

- L-installazzjoni jew it-tiswijiet magħmula minn persuni mhux awtorizzati jistgħu jkunu ta' riskju għalik u għall-oħrajn.
- Kull persuna li taħdem fuq jew tiftaħ ċirkwiti refriġeranti għandu jkollha ċertifikat validu minn awtorità t'evalwazzjoni akkreditata fl-industrija, li tawtorizza l-kompetenza tiegħu/ tagħha biex tagħmel użu mir-refriġeranti b'sigurtà bi qbil mal-valutazzjoni ta' speċifikazzjoni rikonoxxuta mill-industrija.
- Xogħol ta' manutenzjoni għandu jsir biss kif rakkomandat mill-manifattur tat-tagħmir. Waqt xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswijijiet li jinħtieġu l-għajnuna ta' persunal oħra mħarġa, għandhom jitwettqu taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti fl-użu ta' refriġeranti li jistgħu jaqbdu.
- L-informazzjoni li hemm fil-manwal hija intiża għall-użu minn tekniku tal-manutensjoni kwalifikat li hu familjari mal-proċeduri tas-sigurtà u mgħammar bl-għodod u strumenti tal-ittestjar xierqa.
- In-nuqqas ta' qari u li jiġu segwiti l-istruzzjonijiet kollha f'dan il-manwal jista' jirriżulta f'funzjonament ħażin tat-tagħmir, ħsara lill-proprjetà, korriment personali u/jew mewt.
- L-apparat għandu jiġi installat skont ir-regolamenti nazzjonali għat-tqegħid tal-wajers.
- Meta l-wajer tal-elettriku jkun jeħtieġ li jiġi sostitwit, ix-xogħol ta' sostituzzjoni għandu jsir minn persunal awtorizzat li juża partijiet ta' sostituzzjoni ġenwini biss.
- Dan l-apparat għandu jkun ertjat sew biex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' xokk elettriku.
- Taqtax jew tneħħi il-vireg tal-ertjar mill-plagg tad-dawl.
- It-twaħħil tat-terminal tal-ert tal-adapter mal-vit tal-għatu tal-kontenitur tal-ħajt ma jertjax l-apparat sakemm il-vit tal-għatu ma jkunx tal-metall, ma jkunx insulat, u l-kontenitur tal-ħajt huwa ertjat permezz tal-wajers tad-dar.
- Jekk għandek xi dubju jekk il-kundizzjonatur tal-arja huwiex ertjat sew, kellem lil tekniku kwalifikat sabiex jiċċekkja l-kontenitur tal-ħajt u ċ-ċirkwit.
- Ir-refriġerant u l-gass tal-infiħ tal-insulazzjoni użati fl-apparat jeħtieġu proċeduri speċjali ta’ rimi. Ikkonsulta aġent tal-manutensjoni jew persuna kwalifikata simili qabel ma tarmihom.
- Jekk il-wajer tal-provvista huwa bil-ħsara, għandu jiġi sostitwit mill-manifattur jew mill-aġenti tal-manutensjoni tiegħu jew minn persuna kwalifikata simili sabiex jiġi evitat il-periklu.
- L-apparat għandu jkun maħzun f'żona b'ventilazzjoni tajba fejn id-daqs tal-ispazju jkun jikkorrispondi għall-erja tal-kamra hekk kif inhu speċifikat biex jitħaddem.
- L-apparat għandu jkun maħżun f'kamra li fiha ma jkunx hemm fjammi mikxufa li qegħdin jintużaw kontinwament (bħal tagħmir li jaħdem bil-gass) u sorsi ta' tqabbid (bħal ħijter tal-elettriku mixgħul).
- L-apparat għandu jiġi maħżun sabiex tevita ħsara mekkanika.

## ATTENZJONI

**Biex jitnaqqas ir-riskju ta' korriment minuri lill-persuni, funzjonament ħażin, jew ħsara lill-prodott jew proprjetà meta jintuża dan il-prodott, segwi l-prekawzjonijiet bażiċi, inkluż dawn li ġejjin:**

### Installazzjoni

- Tinstallax il-kundizzjonatur tal-arja f'żona fejn hu espost direttament għar-riħ tal-baħar (raxx tal-melħ).
- Installa l-pajp tad-drejn għat-tneħħija tal-kondensazzjoni tal-ilma kif suppost.
- Oqgħod attent/a meta tispakkja jew tinstalla l-kundizzjonatur tal-arja.
- Tmissx ir-refriġerant li jkun qed inixxi waqt l-installazzjoni jew it-tiswija.
- Ittrasporta l-kundizzjonatur tal-arja permezz ta' żewġ persuni jew aktar jew uża forklifter.
- Installa l-unità ta' barra b'tali mod li tkun protetta mid-dawl dirett tax-xemx. Tqiegħedx l-unità ta' ġewwa f'post fejn tkun esposta direttament għad-dawl tax-xemx permezz tat-twieqi.
- Armi b'mod sikur materjali tal-imballaġġ bħal viti, imsiemer jew batteriji li jużaw imballaġġi xierqa wara l-installazzjoni jew tiswija.
- Installa l-kundizzjonatur tal-arja f'post fejn il-ħsejjes mill-unità ta' barra jew dħaħen tal-egżost ma jkunux ta' inkonvenjent għall-ġirien. In-nuqqas ta' dan jista' jirriżulta f'inkwiet mal-ġirien.

### Tħaddim

- Neħħi l-batteriji jekk ir-remote control ma jkunx se jintuża għal perjodu estiż taż-żmien.
- Agħmel ċert li l-filtru hu installat qabel tħaddem il-kundizzjonatur tal-arja.
- Agħmel ċert li tiċċekkja jekk hemmx tnixxija tar-refriġerant wara li tinstalla jew issewwi l-kundizzjonatur tal-arja.
- Tpoġġi ebda oġġett fuq il-kundizzjonatur tal-arja.
- Qatt tħallat tipi differenti ta' batteriji, jew batteriji qodma ma' dawk ġodda fir-remote control.
- Tħallix il-kundizzjonatur tal-arja jaħdem għal ħin twil meta l-umdità tkun għolja ħafna jew meta bieb jew tieqa jkunu tħallew miftuħin.

- Ieqaf uża r-remote control jekk hemm tnixxija tal-fluwidu fil-batterija. Jekk ħwejjġek jew il-ġilda tiegħek ġew esposti għall-fluwidu tal-batterija li qed inixxi, laħlaħ bl-ilma nadif.
- Tesponix lin-nies, l-annimali, jew pjanti għar-riħ kiesaħ jew sħun mill-kundizzjonatur tal-arja għal perjodi estiżi ta' żmien.
- Jekk il-fluwidu tal-batterija li qed inixxi jinbela', aħsel il-ġewwieni tal-ħalq sew u kellem tabib.
- Tixrobx l-ilma skulat mill-kundizzjonatur tal-arja.
- Tużax il-prodott għal għanijiet speċjali, bħall-ippreservar tal-ikel, xogħol tal-arti u eċċ. Dan hu kundizzjonatur tal-arja għal għanijiet tal-konsumatur, mhux sistema preċiża ta' refriġerazzjoni. Hemm riskju ta' ħsara jew telf ta' proprjetà.
- Terġax tiċċarġja jew iżżarma l-batteriji.

### Manutenzjoni

- Qatt tmiss il-partijiet tal-metall tal-kundizzjonatur tal-arja meta tneħħi l-filtru tal-arja.
- Uża banketta b'saħħitha jew sellum meta tnaddaf, tagħmel il-manutenzjoni, jew issewwi l-kundizzjonatur tal-arja fl-għoli.
- Qatt tuża aġenti tat-tindif qawwijin jew solventi meta tnaddaf il-kundizzjonatur tal-arja jew tisprejja l-ilma. Uża ċarruta ħafifa.

## Noti għat-Tħaddim

### Suġġeriment għall-Konservazzjoni tal-Enerġija

- Tkessaħħx ġewwa żżejjed. Dan jista' jkun ta' ħsara għal saħħtek u jista' jikkonsma aktar elettriku.
- Imblokka d-dawl tax-xemx bi blinds jew b'purtieri meta tkun qed tħaddem il-kundizzjonatur tal-arja.
- Agħlaq il-bibien jew twieqi sew meta tkun qed tħaddem il-kundizzjonatur tal-arja.
- Aġġusta d-direzzjoni tal-fluss tal-arja vertikalment jew orizzontalment sabiex tiċċirkola l-arja ta’ ġewwa.
- Żid il-veloċità tal-fann biex tkessaħ jew issaħħan l-arja ta’ ġewwa malajr, f'perjodu qasir ta’ żmien.
- Iftaħ it-twieqi regolarment sabiex tivventila l-arja ta' ġewwa peress li l-kwalità tal-arja tista’ tiddeterjora jekk il-kundizzjonatur tal-arja jintuża għal ħinijiet twal.
- Naddaf il-filtru tal-arja darba kull ġimagħtejn. It-trab u l-impuritajiet li jinġemgħu fil-filtru tal-arja jistgħu jimblokkaw il-fluss tal-arja jew idgħajfu l-funzjonijiet tat-tkessieħ/deumidifikazzjoni.

# Partijiet u Funzjonijiet

## Unità ta' Ġewwa




1 Buttuna On/Off
2 Riċevitur tas-Sinjali
3 Bozza ta' tħaddim
4 Jonizzatur
5 Diflettur tal-Arja (Luver vertikali)
6 Diflettur tal-Arja (Luver orizzontali)
7 Żbokk tal-Arja
8 Filtru tat-trab fin ħafna
9 Filtru tal-Arja
10 Panew ta' Quddiem

## Unità ta' Barra




1 Pajping għat-tkessiħ
2 Drain Hose
3 Wajer ta' konnessjoni
4 Pjanċa ta' bażi
5 Ventijiet tal-Ħruġ tal-Arja
6 Ventijiet tad-Dħul tal-Arja

## Skrin ta' Ġewwa




1 Temperatura mixtieqa / Temperatura tal-kamra
2 Mixgħul/mitfi
3 Wi-Fi
4 Tidwib tas-silġ / Pre-tisħin
5 Ħin

# Remote Control Bla Wajer

## Meta Ddaħħal il-Batteriji

Jekk l-iskrin tal-wiri tar-remote control jibda jiċċara, ibdel il-batteriji. Daħħal batteriji AAA (1.5 V) qabel ma tuża r-remote control.

1 Neħħi l-għatu tal-batteriji.



2 Daħħal il-batteriji l-ġodda u agħmel ċert li t-terminals + u - tal-batteriji huma installati tajjeb.



## Installazzjoni tal-Ħolder tar-Remote Control

Biex tipproteġi r-remote control, installa l-ħolder fejn ma hemmx dawl tax-xemx dirett.

1 Agħżel post sigur u fejn tilħqu faċilment.

2 Waħħal il-ħolder permezz ta' żewġ viti mwaħħla sew b'tornavit.



## Metodu ta' ħidma

Ipponta r-remote control lejn ir-riċevitur tas-sinjal fuq in-naħa leminija tal-kundizzjonatur tal-arja sabiex tħaddmu.



**NOTA**

- Ir-remote control jista' jħaddem apparti elettroniċi oħrajn jekk ikun ippuntat lejhom. Agħmel ċert li qed tipponta r-remote control lejn ir-riċevitur tas-sinjal tal-kundizzjonatur tal-arja.
- Għal tħaddim tajjeb, uża ċarruta ratba biex tnaddaf it-trażmettitur u r-riċevitur tas-sinjal.
- F’każ li funzjoni ma tkunx provduta fil-prodott, l-ebda sinjal ta’ ħoss ma joħroġ mill-prodott meta buttuna għal funzjoni bħal din fuq ir-remote control tiġi magħfusa għajr għall-funzjonijiet tad-Direzzjoni tal-Fluss tal-Arja ( SWING), Purifikazzjoni tal-Arja ().

## Konfigurazzjoni tal-Ħin Attwali

**1** Daħħal il-Batteriji.

- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.




**2** Agħfas il-buttuna ∨ jew ∧ biex tagħżel il-minuti.

**3** Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tlesti.

**NOTA**

- It-Timer On/Off huwa disponibbli wara l-konfigurazzjoni tal-ħin attwali.

## L-użu tal-Funzjoni tal-Konverżjoni °C/°F

Din il-funzjoni tibdel il-unit bejn °C u °F

- Agħfas u żomm il-buttuna SWING °C↔°F [5 s] għal madwar 5 sekondi.

## Tħaddim tal-Kundizzjonatur tal-Arja Mingħajr ir-Remote Control

Tista' tuża l-buttuna **ON/OFF** tal-unità ta' ġewwa biex tħaddem il-kundizzjonatur tal-arja meta r-remote control ma jkunx disponibbli.

**1** Iftaħ il-panew ta' quddiem.

- Tella' kemm, kemm kull naħa tal-għatu.




**2** Agħfas il-buttuna **ON/OFF**.




**3** Agħlaq il-pannell ta' quddiem malli tagħfas il-buttuna **ON/OFF**.

- Niżżel kemmxejn iż-żewġ naħat tal-kopertura.




- Għall-mudelli ta' tkessiħ u tisħin, tinbidel il-modalità ta' operazzjoni, skont it-temperatura tal-kamra.

| It-temperatura tal-kamra. | Temperatura fissa | Modalità ta' operazzjoni |
|---|---|---|
| Inqas minn 21°C | 24°C | Operazzjoni ta' tisħin |
| Iktar minn 21°C u inqas minn 24°C | 23°C | Operazzjoni ta' tneħħija tal-umdità |
| Iktar minn 24°C | 22°C | Operazzjoni ta' tkessiħ |

- Għal mudelli li jkessħu biss, it-temperatura hija konfigurata għal 22 °C

# L-użu tar-Remote Control Bla Wajer

Tista' tħaddem il-kundizzjonatur tal-arja b'mod aktar konvenjenti permezz tar-remote control.




| 1 Buttuna | 2 Displej tal-Iskrin | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| | - | Biex tixgħel/titfi l-kundizzjonatur tal-arja. |
| TEMP | 88 °C | Sabiex taġġusta t-temperatura mixtieqa tal-kamra fil-modalità tat-tkessiħ, tat-tisħin jew ta' bidla awtomatika. |
| MODE | | Sabiex tagħżel il-modalità tat-tkessiħ. (P.14) |
| | | Sabiex tagħżel il-modalità tat-tisħin. (P.15) |
| | | Sabiex tagħżel il-modalità tad-deumidifikazzjoni. (P.15) |
| | | Sabiex tagħżel il-modalità tal-fann. (P.15) |
| | A | Sabiex tagħżel il-modalità tal-bidla awtomatika/tħaddim awtomatiku. (P.16) |
| JET MODE | Po | Sabiex tbiddel it-temperatura tal-kamra malajr. (P.16) |
| FAN SPEED | | Sabiex taġġusta l-veloċità tal-fann. (P.17) |
| SWING SWING | | Sabiex taġġusta d-direzzjoni tal-fluss tal-arja vertikalment jew orizzontalment. (P.17) |
| TIMER | ON OFF | Sabiex tixgħel/titfi l-kundizzjonatur tal-arja b'mod awtomatiku fil-ħin mixtieq. (P.18) |
| SET/ CANCEL | - | Sabiex tikkonfigura/tikkanċella l-funzjonijiet speċjali u t-timer. |
| CANCEL | - | Sabiex tikkanċella s-settings tat-timer. (P.18) |
| ∨ ∧ | - | Sabiex taġġusta l-ħin. |




| 1 Buttuna | 2 Displej tal-Iskrin | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **LIGHT OFF** | - | Sabiex tikkonfigura l-luminożità tal-iskrin fuq l-unità ta' ġewwa. (P.19) |
| **ROOM TEMP** | | Sabiex turi t-temperatura tal-kamra. |
| **°C↔°F [5 s]** | °C °F | Sabiex tibdel il-unit bejn °C u °F (P.11) |
| **COMFORT AIR** | | Sabiex taġġusta l-fluss tal-arja sabiex tibdel id-direzzjoni tar-riħ. (P.19) |
| **ENERGY CTRL** | 88 % | Sabiex iġġib l-effett tal-iffrankar tal-enerġija. (P.20) |
| **DIAGNOSIS [5 s]** | - | Sabiex tiċċekkja l-informazzjoni tal-manutenzjoni ta' prodott b'mod konvenjenti. (P.25) |
| FUNC. | | Il-ġeneratur joniku juża miljuni ta' jonji biex jgħin itejjeb il-kwalità tal-arja ta' ġewwa. (P.21) |
| | | Sabiex tnaqqas il-ħoss mill-unitajiet ta' barra. (P.22) |
| | LH LH | Sabiex iżżomm temperatura minima ta' ġewwa u tipprevjeni oġġetti fuq ġewwa milli jiffriżaw. (P.22) |
| | | Sabiex tneħħi l-indewwa ġġenerata fl-unità ta' ġewwa. (P.22) |
| **RESET** | - | Sabiex tinizjalizza l-konfigurazzjoniet tar-remote control. |

**NOTA**

- Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tħaddem il-**FUNC** li għażilt.

# Terġa’ Tixgħel il-Kundizzjonatur tal-Arja Awtomatikament

Meta l-kundizzjonatur tal-arja jerġa' jinxtegħel wara qtugħ tad-dawl, din il-funzjoni terġa' ġġib il-konfigurazzjonijiet ta' qabel.

## Diżattivazzjoni ta' Startjar mill-Ġdid Awtomatiku

1 Iftaħ il-panew ta' quddiem.

- Tella' kemm, kemm kull naħa tal-għatu.




2 Agħfas il-buttuna **ON/OFF** u żommha għal 6 sekondi, imbagħad l-unità tagħmel ħoss darbtejn u l-bozza tteptep darbtejn għal 4 darbiet.

- Sabiex terġa' tattiva l-funzjoni, agħfas il-buttuna **ON/OFF** u żommha għal 6 sekondi. L-unità se tagħmel ħoss darbtejn u l-bozza tteptep għal 4 darbiet.




**NOTA**

- Din il-karatteristika tista’ tinbidel skont it-tip ta' mudell.
- Jekk tagħfas u żżomm il-buttuna **ON/OFF** għal 3 - 5 sekondi, minflok għal 6 sekondi, l-unità taqleb għat-tħaddim test. Fit-tħaddim test, l-unità tonfoħ arja kiesħa qawwija għal 18-il minuta u terġa' tmur lura għall-konfigurazzjonijiet tal-inadempjenza tal-fabbrika.

# L-Użu tal-Funzjoni tal-Modalità

Din il-funzjoni tippermettilek li tagħżel il-funzjoni mixtieqa.

## Mudell tat-Tkessiħ u tat-Tisħin

| | |
|---|---|
| | Modalità tat-Tkessiħ |
| | Modalità tal-Bidla Awtomatika |
| | Modalità tad-Deumidifikazzjoni |
| | Modalità tat-Tisħin |
| | Modalità tal-Fann |

## Modalità tat-Tkessiħ

1 Ixgħel l-apparat.

2 Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-Modalità tat-Tkessiħ.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




3 Agħfas il-buttuna jew sabiex tikkonfigura t-temperatura mixtieqa.

## Modalità tat-Tisħin

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-Modalità tat-Tisħin.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**3** Agħfas il-buttuna (∧) jew (∨) sabiex tikkonfigura t-temperatura mixtieqa.

**NOTA**

- Meta jkun qed jinħall is-silġ, tiġi tidher fuq l-unità ta' ġewwa.



- Barra min hekk, din l-indikazzjoni tiġi tidher fuq l-unità ta' ġewwa:
  - Meta jkun qed jitħaddem it-tisħin minn qabel.
  - Meta t-temperatura tal-kamra tkun laħqet it-temperatura li int għażilt.

## Modalità tad-Deumidifikazzjoni

Din il-modalità tneħħi l-umdità żejda minn ambjent umdu ħafna jew matul l-istaġun tax-xita, sabiex jiġi evitat li tifforma l-moffa. Din il-modalità taġġusta t-temperatura tal-kamra u l-veloċità tal-fann awtomatikament biex jinżamm l-aħjar livell ta' umdità.

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-Modalità tad-Deumidifikazzjoni.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**NOTA**

- F'din il-modalità ma tistax taġġusta t-temperatura tal-kamra, tiġi aġġustata awtomatikament.
- It-temperatura tal-kamra ma tintweriex fuq l-iskrin tal-wiri.

## Modalità tal-Fann

Dan il-modulu jiċċirkola l-arja ta' ġewwa mingħajr ma jibdel it-temperatura tal-kamra.

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-Modalità tal-Fann.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**3** Agħfas il-buttuna **FAN SPEED** sabiex taġġusta l-veloċità tal-fann.

## Modalità tal-Bidla Awtomatika

Din il-modalità tbiddel il-modalità awtomatikament sabiex iżżomm it-temperatura konfigurata f'±2 °C

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-Modalità tal-Bidla Awtomatika.

- A jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**3** Agħfas il-buttuna ∧ jew ∨ sabiex tikkonfigura t-temperatura mixtieqa.

**4** Agħfas il-buttuna **FAN SPEED** sabiex taġġusta l-veloċità tal-fann.

# L-Użu tal-Funzjoni tal-Modalità Propulsiva (Jet Mode Function)

## Tibdil tat-Temperatura tal-Kamra Malajr

Din il-funzjoni tippermettilek li tkessaħ l-arja ta' ġewwa malajr fis-sajf jew issaħħanha malajr fix-xitwa.

- Mudell tat-Tkessiħ u tat-Tisħin: Il-funzjoni tal-Modalità Propulsiva hija disponibbli bil-Modalità tat-Tkessiħ, tat-Tisħin u tad-Deumidifikazzjoni.

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **MODE** ripetutament sabiex tagħżel il-modalità mixtieqa.

**3** Agħfas il-buttuna **JET MODE**.

- Po jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**NOTA**

- Fil-Modalità Propulsiva tat-Tkessiħ, toħroġ arja qawwija għal 30 minuta.
- Wara 30 minuta, it-temperatura ta’ settjar huwa mantenut f’18 °C
  Jekk trid biddel it-temperatura, Agħfas il-buttuna ∧ jew ∨ biex tissettja it-temperatura mixtieqa.
- Fil-Modalità Propulsiva tat-Tisħin, toħroġ arja qawwija għal 30 minuta.
- Wara 30 minuta, it-temperatura ta’ settjar huwa mantenut f’30 °C
  Jekk trid biddel it-temperatura, Agħfas il-buttuna ∧ jew ∨ biex tissettja it-temperatura mixtieqa.

# L-użu tal-Funzjoni tal-Veloċità tal-Fann

## Aġġustament tal-Veloċità tal-Fann

- Agħfas il-buttuna **FAN SPEED** ripetutament sabiex taġġusta l-veloċità tal-fann.

| Skrin tad-Displej | Veloċità |
|---|---|
| | Għolja |
| | Medja - Għolja |
| | Medja |
| | Medja - Baxxa |
| | Baxxa |
| - | Riħ Naturali |

**NOTA**

- Il-veloċità tal-fan tar-riħ naturali tinbidel awtomatikament.

→ →

- L-ikoni tal-veloċità tal-fann huma murija fuq xi unitajiet ta' ġewwa.

F1→F2→F3→F4→F5

- L-iskrin tal-unità ta' ġewwa jintwera għal 5 sekondi biss u jmur lura għat-temperatura tal-konfigurazzjoni fuq xi mudelli.

# L-użu tal-Funzjoni tad-Direzzjoni tal-Fluss tal-Arja

Din il-funzjoni taġġusta d-direzzjoni tal-fluss tal-arja vertikalment (orizzontalment).

- Agħfas il-buttuna SWING (SWING) ripetutament sabiex tagħżel id-direzzjoni mixtieqa.
  - Agħżel  () sabiex taġġusta d-direzzjoni tal-fluss tal-arja awtomatikament.

**NOTA**

- Jiddependi fuq il-mudell, l-aġġustament orizzontali tad-direzzjoni tal-fluss tal-arja jista' ma jkunx appoġġjat.
- L-aġġustament tad-diflettur tal-arja b'mod arbitrarju jista' jikkawża ħsara fil-prodott.
- Jekk terġa' tixgħel il-kundizzjonatur tal-arja, dan jibda jaħdem bid-direzzjoni tal-fluss tal-arja konfigurat qabel, allura d-diflettur tal-arja jista' ma jaqbilx mal-ikona murija fuq ir-remote control. Meta jseħħ dan, agħfas il-buttuna SWING jew SWING sabiex terġa' taġġusta d-direzzjoni tal-fluss tal-arja.
- Din il-funzjoni tista' taħdem b'mod differenti mill-iskrin tar-remote control.

# Konfigurazzjoni tat-Timer On/ Off

Din il-funzjoni tikkonfigura l-kundizzjontur tal-arja sabiex jixgħel/jitfi awtomatikament fil-ħin mixtieq.

Ħin biex jinxtegħel/jintefa jista' jsir flimkien.

## Konfigurazzjoni tat-Timer On

1 Agħfas il-buttuna TIMER ripetutament.

- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.




2 Agħfas il-buttuna ∨ jew ∧ biex tagħżel il-minuti.

3 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tlesti.

- Wara li tikkonfigura t-timer, jintwerew il-ħin attwali u ON icon fuq l-iskrin tal-wiri fejn jiġi indikat li l-ħin mixtieq hu kkonfigurat.

## Il-kanċellazzjoni tat-Timer On

1 Agħfas il-buttuna TIMER ripetutament.

- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.




2 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tikkanċella l-konfigurazzjoni.

## Il-konfigurazzjoni tat-Timer Off

1 Agħfas il-buttuna TIMER ripetutament.

- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.




2 Agħfas il-buttuna ∨ jew ∧ biex tagħżel il-minuti.

3 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tlesti.

- Wara li tikkonfigura t-timer, il-ħin attwali u OFF icon jidhru fuq l-iskrin tal-wiri fejn jiġi indikat li l-ħin mixtieq huwa konfigurat.

**NOTA**

- Din il-funzjoni hija diżattivata meta tikkonfigura t-Timer Sempliċi.

## Kanċellazzjoni tat-Timer Off

1 Agħfas il-buttuna TIMER ripetutament.

- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.




2 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tikkanċella l-konfigurazzjoni.

## Il-kanċellazzjoni tas-Setting tat-Timer

- Agħfas il-buttuna CANCEL sabiex tikkanċella s-settings kollha tat-timer.

# L-użu tal-Funzjoni tal-Irqad

Din il-funzjoni titfi l-kundizzjonatur tal-arja awtomatikament meta tmur torqod.

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna TIMER ripetutament.
- L-ikona ta' hawn taħt itteptep fin-naħa ta' isfel tal-iskrin.



**3** Agħfas il-buttuna ∨ jew ∧ sabiex tagħżel is-siegħa (sa 7 sigħat).

**4** Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tlesti.
- ☆ jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.

**NOTA**
- 1H jintwera fuq xi unitajiet ta' ġewwa.
- Id-displej tal-unità ta' ġewwa tintwera minn 1H sa 7H li tintwera għal 5 sekondi biss imbagħad imur lura għat-temperatura tal-konfigurazzjoni.
- Fil-Modalità tat-Tkessiħ u Deumidifikazzjoni, it-temperatura tiżdied b' 1 °C wara 30 minuta u b' 1 °C addizzjonali wara 30 minuta oħra għal raqda aktar komda.
- It-temperatura tiżdied sa 2 °C mit-temperatura konfigurata minn qabel.
- Għalkemm ir-rimarka tal-veloċità tal-fann fuq l-iskrin tal-wiri tista' tinbidel, il-veloċità tal-fann hija aġġustata awtomatikament.

# L-użu tal-Funzjoni tat-Tifi tad-Dawl

## Wiri tal-Luminożità tal-Iskrin

Tista' tikkonfigura l-luminożità tal-iskrin tal-wiri tal-unità ta' ġewwa.
- Agħfas il-buttuna **LIGHT OFF**.

**NOTA**
- Ixgħel mixgħul / mitfi l-iskrin Wiri.

# L-użu tal-Funzjoni tal-Kumdità tal-Arja

## Tħaddim tal-Kumdità tal-Qala'

Din il-funzjoni tikkonfigura l-qala' għal pożizzjoni konfigurata b'mod konvenjenti sabiex tiddifletti l-arja tal-provvista lil hinn milli tinfoħ direttament fuq l-okkupanti fil-kamra.

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **COMFORT AIR** ripetutament sabiex tagħżel id-direzzjoni mixtieqa.
- jew jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.



**NOTA**
- jew jintwera fuq xi unitajiet ta' ġewwa.
- Din il-funzjoni hija diżattivata meta tagħfas il-buttuna **MODE** jew **JET MODE**.
- Din il-funzjoni hija diżattivata u t-tbandila awtomatika tad-direzzjoni vertikali hija kkonfigurata meta tagħfas il-buttuna SWING.
- Meta din il-funzjoni tkun mitfija, il-qala' orizzontali taħdem awtomatikament, jiddependi mill-modalità konfigurata.

# L-użu tal-Funzjoni tal-Kontroll tal-Enerġija

**1** Ixgħel l-apparat.

**2** Agħfas il-buttuna **ENERGY CTRL**.

- Agħfas il-buttuna **ENERGY CTRL** ripetutament sabiex tagħżel kull pass.

| pass 1 | pass 2 | pass 3 |
|---|---|---|




**NOTA**

- pass 1: Id-Dħul tal-enerġija jitnaqqas b'20 % meta mqabbel mad-dħul tal-enerġija kklassifikat.
  – 80 % jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.
- pass 2: Id-Dħul tal-enerġija jitnaqqas b'40 % meta mqabbel mad-dħul tal-enerġija kklassifikat.
  – 60 % jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.
- pass 3: Id-Dħul tal-enerġija jitnaqqas b'60 % meta mqabbel mad-dħul tal-enerġija kklassifikat.
  – 40 % jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.
- Din il-funzjoni hija disponibbli bil-Modalità tat-Tkessiħ.
- Il-kapaċità tista' tonqos meta tintgħażel il-modalità tal-Kontroll tal-Enerġija.
- It-temperatura mixtieqa tintwera għal bejn wieħed u ieħor 5 sekondi jekk tagħfas il-buttuna **FAN SPEED**, ⌃ jew ⌄.
- It-temperatura tal-kamra tintwera għal bejn wieħed u ieħor 5 sekondi jekk tagħfas il-buttuna **ROOM TEMP**.

# L-użu ta’ Funzjonijiet Speċjali

1 Ixgħel l-apparat.

2 Agħfas il-buttuna **FUNC** ripetutament sabiex tagħżel il-funzjoni mixtieqa.

3 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tlesti.



| Skrin tad-Displej | Deskrizzjoni |
|---|---|
|  | Il-ġeneratur joniku juża miljuni ta’ jonji biex jgħin itejjeb il-kwalità tal-arja ta’ ġewwa. (P.21) |
|  | Sabiex tnaqqas il-ħoss mill-unitajiet ta' barra. (P.22) |
|  | Sabiex iżżomm temperatura minima ta' ġewwa u tipprevjeni oġġetti fuq ġewwa milli jiffriżaw. (P.22) |
|  | Sabiex tneħħi l-indewwa ġġenerata fl-unità ta’ ġewwa. (P.22) |

**NOTA**

- Jiddependi fuq il-mudell, xi funzjonijiet jistgħu ma jkunux appoġġjati.
- Xi funzjonijiet jistgħu jaħdmu b'mod differenti mill-iskrin tar-remote control.

## Il-Kanċellazzjoni ta' Funzjonijiet Speċjali

1 Agħfas il-buttuna **FUNC** ripetutament sabiex tagħżel il-funzjoni mixtieqa.

2 Agħfas il-buttuna **SET/CANCEL** sabiex tikkanċella l-funzjoni.

## L-użu tal-Funzjoni tal-Purifikazzjoni tal-Arja

Dawn il-funzjonijiet jissupplixxu arja nadifa u friska permezz tal-partikuli tal-joni u l-filtru.

| Funzjoni | Skrin | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Jonizzatur |  | Partikuli tal-joni minn Jonizzatur jisterilizzaw il-batterji li jkunu jinsabu fl-ajru u sustanzi oħrajn ta' ħsara. |
| Plażma | | Tneħħi kontaminanti mikroskopiċi mill-arja tad-dħul kompletament sabiex tissupplixxi arja nadifa u friska. |

**NOTA**

- Tista' tuża din il-funzjoni mingħajr ma tixgħel il-kundizzjonatur tal-arja.
- Kemm il-bozza tal-plażma u l-bozza tat-tkessiħ jixegħlu meta Smoke Away/Plasma jkunu qegħdin jitħaddmu fuq xi mudelli.
- Tmissx il-jonizzatur waqt li tkun qed jaħdem.
- Din il-funzjoni tista' taħdem b'mod differenti mill-iskrin tar-remote control.

## L-Użu tal-Funzjoni Silenzjuża

Din il-funzjoni tipprevjeni l-pretensjonijiet potenzjali mill-ġirien, tnaqqas il-ħoss mill-unitajiet ta' barra.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**NOTA**

- Din il-funzjoni hija diżattivata meta tagħfas il-buttuna **MODE** jew **ENERGY CTRL** jew **JET MODE**.
- Din il-funzjoni hija disponibbli bil-Modalità tat-Tkessiħ, tat-Tisħin, tal-Bidla Awtomatika, tat-Tħaddim Awtomatiku.

## L-użu tal-Funzjoni tat-Tisħin Baxx

Din il-funzjoni tħaddem is-sistema tat-tisħin biex iżżomm temperatura minima ta' ġewwa u tipprevjeni oġġetti fuq ġewwa milli jiffriżaw fejn ma hemmx resident permanenti, bħal btala.

- LH, LH jintwerew fuq l-iskrin tal-wiri.




**NOTA**

- Din il-funzjoni hija disponibbli bil-Modalità tat-Tisħin.
- Waqt it-tħaddim tal-LH, meta tagħfas buttuni bħal (∧), (∨), **MODE**, **FAN SPEED**, u mbagħad irritorna għall-Modalità ta' Tisħin, 30 °C veloċità qawwija.
- Jekk il-buttuna tintgħafas il-buttuna **JET MODE** waqt it-tħaddim tal-LH, din il-funzjoni tiġi diżattivata u l-Modalità tat-Tisħin tal-Qawwa titħaddem immedjatament. (għall-mudell tat-tisħin tal-qawwa biss)
- F'każ li jseħħ xi żball, it-tħaddim jista' jiġi interrott għall-protezzjoni tal-prodott.
- **COMFORT AIR** u l-buttuna (SWING) ma jistgħux jintużaw meta tkun qed taħdem il-funzjoni tal-LH.

## L-użu tal-Funzjoni tat-Tindif Awtomatiku

Fil-Modalità tat-Tkessiħ u d-Deumidifikazzjoni, tiġi ġġenerata l-umdità ġol-unità ta' ġewwa. Din il-funzjoni tneħħi umdità bħal din.

- jintwera fuq l-iskrin tal-wiri.




**NOTA**

- Xi funzjonijiet ma jistgħux jintużaw waqt li l-funzjoni tat-Tindif Awtomatiku tkun qiegħda taħdem.
- Jekk titfi l-elettriku, il-fann jaħdem għal 30 minuta u jnaddaf fuq ġewwa tal-unità ta' ġewwa.

# L-użu tal-Applikazzjoni LG ThinQ

## Affarijiet li għandek tiċċekkja qabel tuża l-LG ThinQ

- Għal apparati bil-logo jew **ThinQ**

1 Iċċekkja d-distanza bejn it-tagħmir u l-wireless router (Router tal-Wi-Fi).
   - Is-saħħa tal-wireless ser tkun baxxa jekk hemm distanza twila bejn it-tagħmir u r-router wireless. B'hekk jaf jieħu aktar ħin sabiex jirreġistra jew l-installazzjoni taf tfalli.

2 Itfi d-**Data mobbli** jew id-**Data ċellulari** minn fuq l-ismartphone tiegħek.



3 Qabbad l-ismartphone mar-router wireless.



**NOTA**

- Biex tivverifika l-konnessjoni tal-Wi-Fi, iċċekkja li l-icon **Wi-Fi** li hemm fuq il-panew tal-kontroll hija mixgħula.

- Dan it-tagħmir jiflaħ Wi-Fi netwerk ta' 2.4GHz biss. Biex tiċċekkja l-frekwenza tar-router, ikkuntattja l-fornitur tas-servizz tal-internet tiegħek jew irreferi għall- manwal tal-wireless router.
- LG ThinQ mhuwiex responsabbli ta' problemi, ħsarat jew malfunzjonijiet fil-konnessjoni tan-netwerk, ikkawżati mill-konnessjoni tan-netwerk.
- Jekk l-apparat ikun 'il bogħod mir-router dan jaf ma jkunx jista' jagħmel konnessjoni man-netwerk tal-Wi-Fi. Ixtri Wi-Fi repeater (range extender) biex ittejjeb is-saħħa tal-Wi-Fi.
- Il-konnessjoni tal-Wi-Fi tista' tiġi interrotta jew ma taqbadx minħabba l-ambjent tan-netwerk tad-dar.
- Il-konnessjoni tan-netwerk tista' ma taħdimx kif suppost minħabba l-fornitur tas-servizz tal-internet.
- L-ambjent tal-wireless tal-madwar jista' jikkawża lis-servizz tal-wireless netwerk jaħdem bil-mod.
- It-tagħmir ma jistax jiġi rreġistrat minħabba problemi fit-trasmissjoni ta' qawwa tal-wireless. Skonnettja t-tagħmir u stenna madwar minuta qabel terġa tipprova.
- Jekk il-firewall fuq ir-router wireless tiegħek huwa attivat, skonnettja l-firewall jew agħmel eċċezzjoni għal dan.
- L-isem tan-netwerk tal-wireless (SSID) għandu jkun kombinazzjoni ta' ittri Ingliżi u numri. (Tużax karattri speċjali)
- Il-user interface (UI) tal-ismartphone tista' tvarja għax din tiddependi fuq is-sistema operattiva (OS) tal-mobajl u l-manifattur.
- Jekk il-protokoll ta' sigurtà tar-router huwa stabbilit għal **WEP**, jista' ma jirnexxilekx tħaddem in-netwerk. Jekk jogħġbok ibdlu għal protokolli ta' sigurtà oħra (**WPA2** huwa rakkomandat) u erġa' rreġistra l-prodott.

## Installazzjoni tal-iLG ThinQ

Fittex l-applikazzjoni tal-LG ThinQ mill-Google Play Store jew mill-Apple App Store minn fuq smart phone. Segwi l-istruzzjonijiet  biex tniżżel u tinstalla l-applikazzjoni.

## Funzjoni tal-Wi-Fi

- Għal apparati bil-logo  jew **ThinQ**

Ħaddem l-apparat mill-ismart phone billi tuża l-karatteristiċi smart li huma konvenjenti.

## Smart Diagnosis™

